

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-4 ta' Novembru 2008

dwar l-iffirmar tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport Marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina, min-naħa l-oħra

(2009/432/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2), u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-2005, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar it-Trasport Marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, min-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", ġie iffirmat fi Brussell fis-6 ta' Diċembru 2002 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2008 ⁽¹⁾.
- (2) Fit-23 ta' Ottubru 2006, il-Kummissjoni ġiet awtorizzata mill-Kunsill biex tinnegozja Protokoll maċ-Ċina li jemenda l-Ftehim sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea.
- (3) Il-Protokoll ġie inizjalat miż-żewġ partijiet fit-28 ta' Frar 2008.

- (4) Il-Protokoll għandu għalhekk jiġi ffirmat, suġġett għall-konklużjoni tiegħu wara t-tlestija tal-proċeduri kostituzzjonali u istituzzjonali neċessarji,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport Marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat fisem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, suġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' tali Protokoll.

It-test ta' dan il-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina il-persuni mogħtija s-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll, fisem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Novembru 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

C. LAGARDE

⁽¹⁾ ĠU L 46, 21.2.2008, p. 25.